MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2017

Rikors Maħluf Numru 1107/14LM

**Bernard (K.I. 438269M) u Lucienne (K.I. 253670M) konjuġi Gatt**

***vs.***

**Keith Borg (K.I. 270476M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-atturi **Bernard u Lucienne konjuġi Gatt** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), li ġie ppreżentat fl-4 ta' Diċembru, 2014, u maħluf minn Bernard Gatt, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-intimat kien għarus mat-tifla tar-rikorrenti, Lara Gatt, u kien ippromettielha li jiżżewwiġha u dan wara li huma kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin għal ċirka erba' (4) snin;*

2. *Illi wara li kienet ġiet iffissata l-ġurnata tad-19 ta' Settembru, 2014 għaż-żwieġ bejn l-intimat u bint ir-rikorrenti, Lara Gatt, l-intimat mingħajr ġusta kawża ħassar l-għerusija ftit ġimgħat biss qabel it-tieġ, u dan mingħajr ukoll ebda ħtija da parti ta' bint ir-rikorrenti;*

3. *Illi bħala riżultat ta' dan l-aġir tal-intimat, ir-rikorrenti soffrew id-danni u fil-fatt kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, huma kienu laħqu għamlu diversi spejjeż għal dan it-tieġ, kompriż ix-xiri ta' ilbiesi tat-tieġ u inviti, ħlas ta' depożiti fuq is-sala tat-tieġ, ikel, xorb u vetturi tat-tieġ, fost spejjeż oħrajn, u dan fis-somma totali ta' sittax-il elf u ħamsa u ħamsin Euro (€16,055);*

***<u>Ir-raġuni għat-Talbiet</u>***

4. *Illi għalhekk, jirriżulta illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma msemmija ta' €16,055 jew somma verjuri, dovuta bħala konsegwenza tar-reżiliment inġustifikat tal-intimat mill-għerusija;*

5. *Illi b'danakollu, minkejja li ġie interpellat mir-rikorrenti jħallas din is-somma permezz ta' ittra legali datata 9 ta' Settembru, 2014 (kopja hawn annessa, esebita u immarkata bħala Dok. A*[1]*) kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru, 2014 debitament notifikata (kopja hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B* [2]*) l-intimat baqa' inadempjenti.*

6. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

***<u>It-Talbiet</u>***

*Igħid għalhekk l-intimat għaliex dina l-Qorti ma għandhiex, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor meħtieġ u opportun:*

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess, fejn l-atturi jitolbu il-ħlas tas-segwenti danni allegatament sofferti minnhom: Libsa tat-tieġ: €1,400; aċċessorji tat-tieġ: €245; sala tat-tieġ: €3,500; depożitu fuq ikel u xorb: €8,000; depożitu fuq kiri ta' karozzi: €300; materjal għal *bridesmaids:* €375; ħajjata: €400; depożitu fuq mużika ordnata għat-tieġ: €550; depożitu fuq fjuri: €50; *invitation cards:* €385; *souvenirs:* €150; u libsa ta' omm l-għarusa: €700 – total ta' €16,055.

[2] *A fol.* 6 tal-proċess.

1. *Tiddikjara illi l-intimat inġustament u mingħajr raġuni ġusta ħassar l-għerusija minn ma' bint ir-rikorrenti Lara Gatt, u minħabba dan l-aġir tiegħu, ir-rikorrenti sofrew id-danni;*

2. *Tillikwida d-danni sofferi mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, fis-somma ta' sittax-il elf u ħamsa u ħamsin Euro (€16,055) jew somma verjuri;*

3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €16,055 jew somma verjuri li tiġi likwidata in riżarċiment tad-danni sofferti mir-rikorrenti kif fuq premess.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru, 2014, u imgħaxijiet legali kontra l-intimat li qiegħed minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Keith Borg** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-9 ta' Jannar, 2015, li biha eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi t-talbiet tal-atturi huma infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u kwindi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

2. *Illi l-azzjoni odjerna kif proposta hija ġuridikament insostenibbli stante li l-azzjoni ta' reżilement tal-għerusija tista' tiġi proposta biss minn parti fl-għerusija. Għaldaqstant, stante illi l-ftehim tal-għerusija fil-każ odjern ġie kkuntrattat bejn bint ir-rikorrent u l-intimat, l-obbligi li allegatament l-intimat naqas li jeżegwixxi, ai termini tal-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili, kienu kollha fil-konfront ta' bint ir-rikorrenti u mhux ir-rikorrenti u għalhekk il-ħsara li allegatament wettaq l-intimat ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, saret fil-konfront ta' bint ir-rikorrenti u mhux ir-rikorrenti.*

3. *Illi jiġi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-intimat huwa responsabbli għar-reżelemet tal-għerusija. Illi jiġi rilevat illi kienu r-rikorrenti bħala ġenituri tat-tifla li ffissaw id-data tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għaż-żwieġ bejn l-intimat u bint ir-rikorrenti, Lara Gatt. Illi għalhekk mhuwiex minnu illi l-intimat ħassar l-għerusija ftit ġimgħat biss qabel iż-żwieġ iżda hu talab biss posponiment tad-data taż-żwieġ ħalli l-intimat flimkien ma' bint ir-rikorrenti Lara Gatt jiddeċiedu u jaqblu flimkien rigward data ta' żwieġ oħra opportuna mingħajr l-indħil tal-ġenituri stante li ż-żwieġ kien se jiġi kkuntrattat bejn bint ir-rikorrenti u l-intimat u*

*mhux bejn l-atturi li jiġu l-ġenituri u l-intimat u għaldaqstant it-talba tad-danni għandha tiġi miċħuda;*

4. *Illi bħala fatt, lanqas jekk l-intimat jiġi ddikjarat illi inġustament u mingħajr raġuni valida ħassar l-għerusija minn ma' bint ir-rikorrenti, l-atturi ma sofrew ebda danni ta' natura materjali mit-tħassir ta' din ir-relazzjoni illi l-intimat kellu ma' bint ir-rikorrenti;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost id-danni pretiżi huma esaġerati kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri,*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi huma l-ġenituri ta' Lara Gatt, li kienet għarusa lill-konvenut u li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin għal madwar erba' snin, tant li kienu ffissaw id-data taż-żwieġ darbtejn, u ċjoè fil-21 ta' Ġunju, 2014 u fid-19 ta' Settembru, 2014. L-atturi qegħdin jippretendu mingħand il-konvenut il-ħlas tad-danni materjali li allegatament soffrew bħala konsegwenza tar-reżiliment inġustifikat tal-konvenut mill-għerusija ma' binthom, konsistenti fi spejjeż li nefqu għat-tieġ u ċjoè għal-libsa tat-tieġ ta' binthom, għal aċċessorji tat-tieġ, għas-sala tat-tieġ, għad-depożitu rigward ikel u xorb tat-tieġ, għad-depożitu rigward karozzi tal-kiri, għall-materjal tal-ilbiesi tal-*bridesmaids,* għall-ispejjeż tal-ħajjata, għad-depożitu rigward servizzi mużikali għat-tieġ, għad-depożitu rigward fjuri, għall-*invitation cards* u *souvenirs* u għal-libsa tat-tieġ ta' omm l-għarusa, li jammontaw għas-somma komplessiva ta' €16,055. L-atturi qegħdin jallegaw li r-reżiliment tal-għerusija da parti l-konvenut kien inġustifikat.

Il-konvenut qed jilqa' għal dawn it-talbiet billi ssolleva eċċezzjoni ta' natura legali meta sostna li l-azzjoni attriċi hija ġuridikament insostenibbli stante li la darba r-reżilement tal-għerusija tista' tiġi proposta biss minn parti fl-għerusija, l-obbligi li allegatament il-konvenut naqas li jeżegwixxi *ai termini* tal-artikolu 1125 tal-Kap. 16[3], kienu fil-konfront ta' Lara Gatt u mhux tal-ġenituri tagħha, l-atturi, u konsegwentement l-allegata ħsara *ai termini* tal-artikolu 1031[4] tal-Kodiċi Ċivili jekk saret, kienet fil-konfront ta' Lara Gatt u mhux tal-atturi.

[3] "Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."
[4] "Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."

Fil-mertu il-konvenut eċepixxa illi (1) hu ma kienx responsabbli għar-reżilement tal-għerusija, stante li d-data tad-19 ta' Settembru, 2014 għaż-żwieġ kienet iffissata mill-atturi u mhux minnu u mill-għarusa Lara Gatt. Hu ried biss posponiment tad-data biex iż-żwieġ isir f'data magħżula minnu u Lara Gatt; (2) l-atturi ma sofrew ebda danni materjali u (3) mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni pretiżi huma eżaġerati.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-provi li ġew ippreżentati mill-partijiet f'din il-kawża kienu fuq żewġ binarji: (1) provi dwar l-eżistenza tal-għerusija bejn il-konvenut u bint l-atturi u jekk dawn kellhomx il-kapaċità legali li jidhlu f'għerusija u jekk kienx hemm nuqqas ta' kawża ġusta għar-reżiliment tal-għerusija; (2) provi dwar id-danni *o meno* sofferti mill-atturi, ġenituri tal-għarusa. Eventwalment il-provi ppreżentati jridu jiġu eżaminati fl-ambitu tal-eċċezzjoni legali (it-tieni eċċezzjoni) mqajma mill-konvenut u f'każ li tirriżulta responsabbilità għar-reżiliment tal-għerusija daparti tal-konvenut li tissarraf ukoll fi ħlas ta' danni biss, irid imbagħad jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni dovuti.

**Lara Gatt**[5] xehdet illi hi kienet bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut Keith Borg hekk kif għalqet 16-il sena u hu kien sbatax-il sena akbar. Jirriżulta minn dokument tal-Kurja[6] esebit mill-atturi, li l-konvenut kien diġà miżżewweġ ma' Louise Borg permezz ta' żwieġ iċċelebrat fit-28 ta' Awwissu, 2004, però dan iż-żwieġ kien ġie annullat minħabba simulazzjoni parzjali taż-żwieġ bl-esklużjoni

[5] Affidavit *a fol.* 18 sa 21 tal-proċess.
[6] *A fol.* 75 tal-proċess.

tal-fedeltà min-naħa tal-konvenut. Fis-sentenzi li ngħataw mit-Tribunal Metropolitan tal-Knisja Kattolika ta' Malta[7] il-konvenut kien ġie pprojbit li jerġa' jiżżewweġ bil-Knisja Kattolika, sakemm ma jkunx wiegħed b'sinċerità quddiem l-Ordinarju tal-post li jrid jiżżewwġ skont il-liġijiet t'Alla u tal-Knisja. Fil-fatt jirriżulta li l-konvenut kien kiteb lill-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta' Malta fit-29 ta' Settembru, 2012[8], biex titneħħa l-projbizzjoni fuq imsemmija biex ikun jista' jiżżewweġ lill-istess Lara Gatt. Jirriżulta[9] li l-Vigarju Ġenerali kien diġà neħħa din il-projbizzjoni biex l-konvenut seta' jiżżewweġ lil ċerta Elisa Stanyer, imma dan iż-żwieġ ma kienx sar.

Ix-xhud Lara Gatt tispjega kif hi u l-konvenut kienu ftiehmu li jiżżewġu fil-21 ta' Ġunju, 2014, iżda tliet xhur qabel il-konvenut ħassar id-data taż-żwieġ. Meta ppruvat tfittex li tingħata spjegazzjoni għal dan, għall-ewwel missier il-konvenut kien qalilha li l-konvenut kien stqarr miegħu li hi u l-ġenituri tagħha kienu kissru l-affarijiet tat-tifel li kien hemm fid-dar tiegħu, meta dawn għall-kuntrarju kienu qed ibajdulu u jirranġawlu d-dar. Sussegwentement il-konvenut ġab l-iskuża li ma riedx jiżżewweġ minħabba l-inkwiet li nqala' bejn il-familji tagħhom wara inċident li nqala' meta Lara Gatt u ommha marru id-dar tal-ġenituri tiegħu biex jgħidulu jiġi jgħinhom ibajdu fid-dar tiegħu stess. Bl-għajnuna ta' Rev. Fr Daniel Cardona, Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn tirrisjedi x-xhud Lara Gatt, il-konvenut wera x-xewqa li jtawwal ftit id-data tat-tieġ u din tmexxiet bi ftehim bejniethom għad-19 ta' Settembru, 2014, għad li l-konvenut fix-xhieda tiegħu jgħid illi huwa xtaq illi t-tieġ jiġi pospost għall-2015 Ix-xhud Lara Gatt u l-konvenut marru wkoll għand *marriage counsellor,*

[7] Sentenza tat-Tribunal Metropolitan tal-Ewwel Istanza ta' Malta datata 27.03,2009 u kkonfermata mit-Tribunal tat-Tieni Istanza ta' Malta fit-23.02.2010.
[8] *A fol.* 74 tal-proċess.
[9] Ara Dok. BG 17, *a fol.* 74 tal-proċess.

psikologa, Dr Ingrid Grech Lanfranco. Lara Gatt tgħid illi l-konvenut quddiem il-*counsellor* wera l-biża' tiegħu għaż-żwieġ, però wera x-xewqa li jegħleb din il-biża'. Sadanitant għamlu l-arranġamenti neċessarji wara li kienu biddlu d-data taż-żwieġ u għamlu separatament l-eżami taż-żwieġ, Lara għand l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ u l-konvenut għand l-Arċipriet tiegħu tal-Mosta fejn ġie ċċertifikat li huwa kien lest li jiżżewweġ fid-19 ta' Settembru, 2014.

Lara Gatt qalet ukoll illi l-konvenut taha x'tifhem li kien kollox sewwa issa. Fil-fatt marru flimkien jiffirmaw il-karti fir-Reġistru Pubbliku biex ikollhom il-karti lesti biex fid-19 ta' Settembru, 2014 jiżżewġu anki biċ-Ċivil u hi ħallset għall-applikazzjoni 1983/2014.[10] Iżda fit-30 ta' Awwissu, 2014, wara li bdew iqassmu l-inviti tat-tieġ u ġurnata wara li kienu marru l-Kurja biex jagħtuhom il-karti taż-żwieġ, ċemplilha Fr Joe Mizzi, id-Direttur tal-Moviment ta' Kana li qalilha li l-attur kien spjega lill-*marriage counsellor* li ma kienx ippreparat għaż-żwieġ. Meta kellmet lill-*counseller,* flimkien ma' ommha u missierha, din qaltilha li kien hemm affarijiet li l-konvenut qatt ma qalilha u li ma kienx mentalment stabbli. Lara Gatt żiedet tgħid ukoll li fil-21 ta' April, 2013 kienet sabet fuq il-*mobile* tal-konvenut messaġġ minn tfajla u wara li kkonfrontatu, il-konvenut wiegħed li mhux ser ikellem iktar lil dik it-tfajla.

L-attur **Bernard Gatt** fix-xhieda tiegħu[11] semma kif meta t-tifla tagħhom u l-konvenut iddeċidew li jiżżewġu fil-21 ta' Ġunju, 2014, kienu ħallsulhom kollox hu u martu. Meta l-konvenut kien talab lit-tifla tagħhom biex itawwlu d-data, l-konvenut u t-tifla kienu ddeċidew li t-tieġ isir fid-19 ta' Settembru, 2014. Isemmi li meta Fr Mizzi kien ċempel it-tifla tiegħu, li kienet taħdem miegħu

[10] Irċevuta f'isem Lara Gatt u f'isem il-konvenut ta' €23.29 *a fol.* 70 tal-proċess.
[11] Affidavit *a fol.* 23 u 24 tal-proċess.

bħala xogħol, hi ċemplet lill-konvenut quddiemu. Wara kien ċempillu Fr Mizzi u qallu li l-konvenut kien mar għand il-*marriage counsellor* biex iħassar it-tieġ. Meta hu ma' martu u Lara kienu marru għand il-*counsellor,* din qaltilhom li l-konvenut kien ilu għal xi sena jirċievi telefonati mingħand waħda tfajla u anki illum kien probabbilment f'relazzjoni ma' tfajla oħra.

In kontroeżami Bernard Gatt jammetti li għamel ċerta pressjoni fuq il-konvenut biex ma jtawwlux it-tieġ għat-2015, kemm minħabba spejjeż ogħla u minħabba li ċertu affarijiet li jkunu ħallsu għalihom ma jibqgħux moda s-sena ta' wara. Ammetta wkoll li huwa kien avża lit-tifla tiegħu u lill-konvenut li jekk iħassru t-tieġ, kien ser ikollhom iħallsu l-ispejjeż huma.

L-attriċi **Lucienne Gatt,** omm Lara, fl-affidavit tagħha kkonfermat l-affidavit ta' żewġha safejn hija kienet involuta personalment. In kontroeżami l-attriċi tammetti li hi u żewġha l-attur kienu bagħtu messaġġ fuq il-*mobile* tal-konvenut, li jekk il-konvenut u Lara ma kinux ser jikkonfermaw bil-miktub li ser ikomplu bit-tieġ, l-ispejjeż ikollhom jagħmluhom l-konvenut u t-tifla tagħhom. Però x-xhud tgħid li huma xorta waħda komplew jagħmlu l-ispejjeż billi huma komplew bil-preparattivi għat-tieġ. L-attriċi tammetti li hi u r-raġel oġġezzjonaw għall-posponiment ta' sena anki minħabba spejjeż addizzjonali li kien ikollhom jinkorru, fost l-oħrajn li l-ilbies tat-tfal żgħar, il-*bridesmaids,* kien ikollhom jerġgħu jinbidlu minħabba li f'sena t-tfal jikbru. Però x-xhud tgħid ukoll li minkejja li bdiet tħoss li l-konvenut ma kienx tajjeb għaż-żwieġ, hija ma setgħetx tindaħlilha lit-tifla la kienet tħobbu. Tinnega wkoll li l-konvenut ried biss jipposponi t-tieġ wara Settembru 2014 u mhux jikkanċellah.

Ix-xhud **Rev. Fr Daniel Cardona**[12] kkonferma kif it-tieġ kien pospost minn Ġunju għal Settembru 2014 u fil-laqgħat li kellu mal-għarajjes, jidher li l-ewwel kien hemm xi kwistjoni bejn il-familji, iżda wara kien hemm kwistjoni li l-konvenut biddel ix-xogħol tiegħu u kellu ħinijiet twal tax-xogħol. Qal li l-konvenut xtaq aktar żmien biex jirrifletti u wara ġie infurmat li t-tieġ kien pospost għal Settembru, 2014. Wara Lara Gatt għamlet l-eżami taż-żwieġ (*pre-nuptial enquiry*) miegħu u l-konvenut għamlu mal-Arċipriet tal-Mosta Rev. Fr Albert Buhagiar, li qallu li ma kienx hemm diffikultà min-naħa tal-konvenut lanqas. Hu semma kif wara kien ċempillu d-Direttur ta' Kana li qallu li skont il-*counsellor* Dr Grech Lanfranco kien hemm xi diffikultà u meta hu kellimha, talabha tagħmel rapport bil-miktub, li hu għaddih lill-Kurja biex tiddeċiedi jekk jistax isir it-tieġ. Iżda qabel ma ddeċiediet il-Kurja, il-konvenut laħaq ħassar it-tieġ.

Fix-xhieda tagħha[13], **Dr Ingrid Grech Lanfranco**, psikologa u l-*marriage counsellor* inkwistjoni, qalet li Lara Gatt u l-konvenut marru għandha meta kienu diġà pposponew it-tieġ għal Settembru 2014. Ix-xhud issemmi kien jidher li kien hemm problemi ilhom għaddejjin għal sena, fis-sens li l-konvenut kien beda jinqata' emozzjonalment mir-relazzjoni, kellu ħinijiet twal ta' xogħol, ma bediex jipparteċipa fil-preparamenti għat-tieġ u mill-ftit li qal, kien qed juri li xtaq jipposponi t-tieġ. Dr Ingrid Grech Lanfranco semmiet li meta Lara Gatt qaltilha quddiem il-konvenut bir-relazzjoni li kellu ma' tfajla oħra xi sena u nofs qabel, hu ma kienx esprima ruħu, donnu biex ma jidħolx f'kunflitt u rat l-istess *pattern* li wassal għall-ewwel annullament li kellu. Ix-xhud

[12] *A fol.* 26 sa 34 tal-proċess.
[13] *A fol.* 38 sa 44 tal-proċess.

semmiet kif l-Arċipriet ta' Ħaż-Zebbuġ kien talabha għal rapport bil-miktub u bil-kunsens tal-konvenut għamlet rapport li l-konvenut kien għadu mhux ippreparat jiżżewweġ u żiedet tgħid:

> "Ir-rakkomandazzjonijiet kienu li Mr Borg min-naħa tiegħu mhux lest biex jiżżewweġ. Sfortunatament kien hemm anki relazzjoni oħra wkoll għaddejja, ma' persuna oħra tampar Ms Gatt, fl-istess żmien, u li allura ma kienx xieraq illi ovvjamnent jidħol għaż-żwieġ. Hu xtaq li jwaqqaf iż-żewġ relazzjonijiet biex ikollu moħħu ċar x'ser jagħmel."[14]

Ix-xhud żiedet tgħid li l-konvenut ma kienx għadu ċar fid-deċiżjoni tiegħu għax hu kien jgħid li għadu jħobbha lil Lara u in kontroeżami tgħid li għalkemm l-konvenut dejjem xtaq jipposponi it-tieġ mhux jikkanċellah, hi terġa' ssemmi li kien hemm iżda affarijiet oħra, li l-konvenut kellu wkoll wiċċ ħaddieħor.

Missier il-konvenut, **Jimmy Borg,** isemmi fix-xhieda tiegħu dakinhar li kienu ġew għandu l-attriċi u bintha meta kienu qed ibajdu l-post tat-tifel u bdew jgħajtu għax riedu lill-konvenut imur jgħinhom. Ikkonferma wkoll li kienu ilhom iċemplulu lill-konvenut dakinhar, però x-xhud kien qalilhom diversi drabi li t-tifel kien għajjien. Ix-xhud jgħid illi t-tifel kien qallu li ma kienx iħossu komdu u xtaq itawwal iż-żmien u kien ħadu għand qassis, ċertu Fr Brandon Mark Gatt għal parir. Għand dan il-qassis kienu marru hu u t-tifel biss u dan jaħseb li kien wara li kienu mexxew id-data tat-tieġ l-ewwel darba. Missier il-konvenut ma kien xejn ċar fix-xhieda tiegħu, speċjalment fil-kontroeżamijiet li sarulu u fuq domanda tal-Qorti, hu wieġeb li t-tifel xtaq jipposponi t-tieġ għal ftit, però kemm ma jafx. Mistoqsi jekk kienx jaf li t-tieġ kien fil-fatt pospost għad-19 ta' Settembru, 2014, wieġeb li ma jafx, iżda jaf li hu u ibnu kienu

[14] *A fol.* 41 tal-proċess.

marru jippruvaw l-ilbies tat-tieġ xi xahar qabel. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-inviti kienu f'idejhom u bdew iqassmu l-inviti, wieġeb sempliċement "kellna xi ħaġa". Hu qal li t-tifel qallu li qatt ma ħareġ flus biex jipposponi t-tieġ u ibnu qallu wkoll li ma kienx ser iħallas depożitu għax kien għadu mhux komdu.

Il-konvenut **Keith Borg** fix-xhieda tiegħu[15] jsemmi li l-inċident li kien ġara fil-31 ta' Marzu, 2014, fejn l-atturi u Lara rieduh bilfors imur jgħinhom biex ibajdu d-dar tiegħu stess, u hu ma setax għax kien għajjien wisq wara lejl xogħol u wara li kellu *event* tal-isport tiegħu tal-karozzi, fetaħlu għajnejh li kien ser ikun hemm wisq indħil mill-ġenituri ta' Lara u ħass li l-attur kien dejjem irid kollox kif irid hu. Huwa xtaq li jtawwal id-data tat-tieġ għall-2015 biex ikollu aktar żmien biex jaħsibha. Però fuq insistenza tal-ġenituri ta' Lara, id-data tat-tieġ għamluha għad-19 ta' Settembru, 2014. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu meta jagħti r-raġuni għalfejn ried aktar żmien, jgħid[16] "aktar u aktar biex ikollna żmien biżżejjed sabiex inkunu ċerti minn din ir-relazzjoni qabel ma jsir it-tieġ." Jgħid illi messaġġ li bagħtulhom l-atturi fuq il-*mobile* tiegħu, li jekk hu u Lara ma jikkonfermax bil-miktub li f'każ li t-tieġ ma jsirx ikollhom iħallsu l-ispejjeż bejnithom, ħadu bħala theddida. Il-konvenut qal ukoll li huwa kien kellem lil Fr Joe Mizzi tal-Moviment ta' Kana biex jinfurmah li ma kienx ċert miż-żwieġ.[17] Hu jgħid li beda jiġi litteralment mhedded mill-attur jekk ma jsirx it-tieġ u li Lara kienet qed turi immaturità għax ma kinitx qiegħda jżżomm miegħu. Saħansitra Lara lagħbet logħba, li ftiehmet miegħu li l-€2,000 multa tal-*venue* biex imexxu t-tieġ tliet xhur wara, attaparsi ħallashom hu, meta fil-fatt kienet ħarġithom hi.

[15] Affidavit *a fol.* 178 sa 182 tal-proċess.
[16] *A fol.* 180 tal-proċess.
[17] *A fol.* 181 tal-proċess.

In kontroeżami l-konvenut fuq domanda tal-Qorti, ma jiftakarx li fil-preżenza tiegħu stess, il-*counsellor* Dr Ingrid Grech Lanfranco xehdet illi hu kien ammetta li kellu relazzjoni ma' tfajla oħra ta' għoxrin sena tampar Lara u jgħid li hu kellu biss ħbiberija ma' din it-tfajla. Il-konvenut jispjega li ried aktar żmien biex l-ewwel jirranġaw is-sitwazzjoni bejn il-familjari tagħhom, kif ukoll biex ma jħossux li kien qed jiżżewwiġha għax imġiegħel minn missierha. Mistoqsi għaliex minflok ma ppruvax iħassar it-tieġ, il-konvenut wieġeb[18]:

> "Le, imma din anke qalet fl-affidavit li jien ħriġt xi flus. Jien ma ħriġt xejn mill-flus, anzi kienet hi kienet tgħidli "jekk jistaqsuk xi ħaġa l-mamà jew il-papà, tgħidilhomx li ħriġthom kollha jiena."

Però minkejja li jgħid li ma aċċettax id-data l-ġdida, xorta waħda kien jaf li l-preparattivi tat-tieġ tkomplew, komplew jinħarġu l-ispejjeż, għamel l-eżami taż-żwieġ, mar hu u missieru jippruvaw l-ilbies tat-tieġ, hu u l-ġenituri tiegħu kellhom l-inviti f'idejhom u bdew iqassmuhom. Filwaqt li insista li lil Lara kien iħobbha u li xtaq jiżżewweġ fl-2015, fuq domanda tal-Qorti[19], min-naħa l-oħra ammetta li kien għadu mhux ċert bir-relazzjoni ta' bejniethom. Hu jammetti wkoll li Lara saret taf li t-tieġ mhux ser isir minn Fr Joe Mizzi u dan xi tliet ġimgħat qabel id-data taż-żwieġ.

Waqt ix-xhieda tiegħu **Rev. Fr Brandon Gatt**[20] ikkonferma li hu kellem lill-konvenut darba biss. Ikkonferma li meta kellmu lill-konvenut dan deher li kien taħt ħafna *pressure,* però huwa qagħad biss fuq li qallu l-konvenut.

[18] *A fol.* 205 tal-proċess.
[19] *A fol.* 212 tal-proċess.
[20] *A fol.* 184 sa 187.

Ikkonferma in kontroeżami li l-konvenut ma kienx qallu li kien ilu f'relazzjoni ma' Lara Gatt għal erba' snin, però assuma dan mill-fatt li kienu waslu biex jiżżewwġu. Fuq domanda jekk il-konvenut kienx qallu li kellu relazzjoni ma' tfajla oħra, kif kien ikkonfida mal-*counsellor*, dan ix-xhud wieġeb li assolutament ma semma xejn.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti trid tiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet skont il-liġi iżda abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jipprovdi ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, id-danni allegatament sofferti mill-atturi u l-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż inkorsi minnhom iridu jippruvawhom l-atturi, però kull ċirkostanza oħra sollevata mill-konvenut irid jippruvaha hu.

Min-naħa l-oħra bħalma ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Josef Grech *vs.* Joanne Testa**[21]**,** skont il-ġurisprudenza nostrana, f'kaz ta' kunflitt fil-provi l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probbabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment

[21] P.A., 11.05.2014

sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.[22] Dan qiegħed jingħad għar-rigward l-allegazzjonijiet li saru mill-partijiet dwar x'verament wassal għat-tħassir tat-tieġ.

Illi għar-rigward ta' reżiliment ta' għerusija, din l-azzjoni hija impostata fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili għax għalkemm l-istitut tal-isponsali huwa regolat b'liġi speċifika[23], din il-liġi tapplika fejn l-għerusija tkun saret bil-miktub.[24] Dan huwa kkonfermat ukoll mis-sentenza fl-ismijiet **Bernarda Caruana *et. vs*. Giuseppe Borg**,[25], li l-ġurisprudenza lokali tagħmel riferiment ampju għaliha fir-rigward ta' dan l-istitut.[26] Għaldaqstant fil-każ odjern japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodici Ċivili dwar kuntratti bilaterali.[27]

Illi kif qalet ben tajjeb l-abbli avukat difensur tal-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, fil-kawża suċitata fl-ismijiet **Bernarda Caruana *et. vs.* Giuseppe Borg** kwantu għall-azzjoni dwar reżiliment ta' għerusija rriteniet dan li ġej:

> "Il-Qorti: Rat.....illi l-konvenut kien ipprometta ż-żwieġ lill-attriċi Dolores Caruana, u wara dam jiffrekwenta d-dar tal-attriċi Bernarda u Dolores Caruana għal ċirka sena u nofs .... kiser l-għerusija mingħajr l-ebda ħtija tal-attriċi Dolores Caruana; u illi matul dan iż-żmien ta' ċirka sena u nofs l-attriċi kienu ssominist raw lill-konvenut ġeneri alimentari .......;
>
> Illi l-azzjoni tal-atturi[28] għandha tiġi regolata mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili f'materja ta' danni Ċivili, u mhux minn dawk tal-Liġi dwar

[22] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.
[23] Kap. 5 tal-Liġijiet ta' Malta.
[24] Ara l-art. 1233(1)(ġ) tal-Kap. 16.
[25] 13.05.1952 (Vol.XXXVI.ii.433).
[26] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) **Mania Colombo *et. vs.* Joseph Zammit,** 24.06.2015 u **Anthony Zammit *vs.* Monica Abela,** 15.10.2001; u P.A. **Ingrid Vella *vs.* Simon Farrugia,** 26.06.2008 u **Josef Grech *vs.* Joanne Testa,** 11.05.2004, fost l-oħrajn.
[27] Ara wkoll **Giusa Bellia *vs.* Giuseppe Grech**, 26.05.1958 (Vol. XLII.ii.1051).
[28] Ċjoè Bernarda Caruana, l-omm u Dolores Caruana, l-ex għarusa.

> Wegħdiet ta' Żwieġ (Kap. 7 tal-Liġijiet ta' Malta[29]); għar-raġuni li l-għerusija pretiża mill-atturi ma tirriżultax li saret bil-miktub. Biex it-talbiet tal-atturi[30] jeħtieġ li jiġu pruvati dawn ir-rekwiżiti, jiġifieri (1) li kien hemm għerusija bejn l-attriċi Dolores Caruana u l-konvenut, (2) li din l-għerusija tħassret mill-konvenut mingħajr ġusta kawża, u (3) li minħabba t-tħassir tal-għerusija l-atturi sofrew danni materjali;
>
> .......Illi ġie abbondantement pruvat li l-konvenut kien imur jiekol u jixrob għand l-attriċi Bernarda Caruana kważi kuljum.....Ma jirriżultax li l-attriċi Dolores Caruana sofriet xi danni minħabba l-ksur tal-għerusija ġà msemmija, billi ma jidhirx li hija ħallset "*de proprio*" xi ħaġa mill-ammont fuq imsemmi; ....... u għalhekk it-talba tagħha biex titħallas ta' danni ma tistax tiġi milqugħa; ....;
>
> Tiddeċidi billi tiddikjara illi kien hemm għerusija bejn l-attriċi Dolores Caruana u l-konvenut, li tħassret bi ħtija ta' dan tal-aħħar; u li l-konvenut hu responsabbli tad-danni sofferti mill-attriċi Bernarda Caruana minħabba dak it-tħassir tal-għerusija....."

Illi għandu jiġi ssenjalat illi f'dik il-kawża l-attriċi Dolores Caruana (l-ex-għarusa) ġiet ikkundannata tħallas parti mill-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-konvenut, għax proprju l-azzjoni kellha ssir mill-omm biss li sofriet id-danni.

Illi li kieku l-azzjoni attriċi kienet ai termini tal-Kap. 5, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut kienet treġi għax hemmhekk l-obbligazzjoni hija proprju r-relazzjoni unika bejn l-għarajjes, hekk li l-Kap. 5 jagħti dritt għad-danni morali wkoll però *vis-à-vis* biss l-ex-għarusa. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vittoria Farrugia *vs.* Angelo Chircop**[31]:

> "*…il fine di detto Proclama* (VI tal-1834[32]) *non è stato quello di accordare alla parte lesa da ingiusto resilimento da sponsali o promessa di matrimonio, un'azione contra la parte colpevole, per il risarcimento di*

[29] Illum il-Kap. 5.
[30] Iġifieri anki l-omm.

[31] Kollez. Vol. XXIV.i. 945, Q.A., 16. 12.1921.
[32] Illum il-Kap. 5.

*danni materiali effettivamente sofferti in conseguenza dell'ingiusta azione della parte resilente, poichè il diritto di agire per tale risarcimento già esisteva come esiste tuttora in base all'assioma giuridico che ciascuno è tenuto al risarcimento del danno materiale da lui ingiustamente cagionato ad altri: lo scopo invece di detto proclama è stato quello di abolire certi poteri del tribunale, e di introdurre il rimedio dell'azione per risarcimento dei danni morali, o, come dice il proclama stesso, per un compenso dell'ingiuria sofferta, a causa di infrazione di promessa o contratto o convegno di matrimonio, in una somma di denaro liquidabile dalla Corte; …pertanto quando la promessa, contratto o convegno di matrimonio non è stipulato per scrittura, giusta quanto prescrive il succitato articolo 941 di detta ordinanza No. VII del 1868*[33] *tale promessa, contratto o convegno è nullo 'pei fini di detto proclama' solamente – nel senso, cioè, che l'ingiusto resilimento da detta promessa, contratto o convegno da parte di uno dei contraenti, non apre l'adito all'azione accordata alla parte lesa, dal detto proclama per il risarcimento dell'ingiuria patita; ma il difetto di tale scrittura non rende inammissibile l'azione per la rifazione dei danni materiali effettivamente sofferti in conseguenza della ingiusta azione della parte colpevole, pichè il diritto a tali danni deriva da legge diversa, come è stato ritenuto da qauesta Corte nella sentenza del 23 gennaro 1920 nella causa* ***Dalli vs. Atkins****.*"

Dan il-prinċipju ġie ribadit ukoll fis-sentenza **Maria *celibe* Ruggier *et. vs.* Paolo Zammit *pro. et. noe.***[34] Talba għad-danni abbażi tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16 mhijiex biss marbuta ma' danni lill-ex-għarusa iżda wkoll ma' danni sofferti minn min inkorra spejjeż a benefiċċju tal-konvenut invista ta' tali kontrattazzjoni, liema spejjeż ikunu qegħdin jiġu aċċettati bħala gratuwiti sempliċement in vista tal-eżistenza tal-kuntratt ta' għerusija. Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut ma treġix.

Jeħtieġ għalhekk li issa jiġi stabbilit jekk l-erba' rekwiżiti neċessarji sabiex tirnexxi talba għad-danni f'każ ta' reżiliment ta' għerusija, li jissemmew fis-

[33] Illuml- art. 1233 tal-Kodici Civili.
[34] Kollez. Vol. XXV.ii. 114, P.A., 12.05.1922.

sentenza fl-ismijiet **Bernarda Caruana *et. vs*. Giuseppe Borg,** jirriżultawx jew le fil-każ odjern.

Għar-rigward l-ewwel żewġ elementi u ċjoè l-eżistenza tal-għerusija u l-kapaċità legali tal-għarajjes biex jikkuntrattaw l-istess għerusija, dawn l-elementi ma ġewx ikkontestati lanqas mill-konvenut. Għalhekk jibqa' l-aħħar żewġ elementi x'jiġu ttrattati u ċjoè n-nuqqas ta' kawża ġusta għar-reżiliment u d-danni sofferti.

Illi dwar it-tielet element, il-ħtija, il-konvenut qed jeċċepixxi li hu xtaq biss posponiment tat-tieġ u mhux reżiliment u kienet l-attriċi u l-pressjoni tal-ġenituri tagħha li ġabu r-reżiliment.

Għar-rigward tal-kawża ġusta li tagħti lok għar-reżiliment tal-għerusija, din għandha tiġi ravvisata f'ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u trid tkun fondata u imprevedibbli.[35] Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Inez Barbara *vs.* Carmel Ghigo**[36], dak li jikkwalifika l-gravità tas-sitwazzjoni huwa r-rifless fid-deċiżjoni li wieħed jiżżewweġ, ċjoè l-obbligu li għandu l-għarus jew l-għarusa, li jeżegwixxi dak li jkun wiegħed. In-natura tal-kuntratt imwiegħed huwa tali li ritirata minnu timponi gravità ta' motivazzjoni.[37]

Tqis illi jirriżulta ampjament mill-provi, jekk wieħed ipoġġi fil-ġenb l-piki li setgħu nħolqu bejn l-għarajjes u l-familjari tagħhom u l-kwistjonijiet dwar spejjeż, l-ansjetà ta' qabel it-tieġ u anki l-indħil tal-ġenituri, illi l-mentalità tal-

[35] Ara Q.A., **John Caruana *et. vs.* Angiolino Cilia**, 04.12.1964.
[36] App. Ċiv., 05.03.1991.
[37] **Alfred Aquilina vs. Miriam Bonello et.,** P.A., 06.12.2002.

konvenut kienet tali li dan ma kellux il-ħsieb li jerġa' jidħol f'rabta ta' żwieġ. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-psikologa u *marriage counsellor* Dr Ingrid Grech Lanfranco u mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Ekkleżjastiku dwar l-annulament tal-ewwel żwieġ tal-konvenut. Filwaqt li jista' jagħti l-każ li konvenut kien iħobb lil bint l-atturi, però s-sentimenti tal-konvenut lejn l-għarusa tiegħu ma kinux tali li jeskludu relazzjonijiet ma' tfajliet oħra, kif irriżulta mill-provi.

Tqis illi minn eżami akkurat tal-provi ppreżentati quddiemha li l-konvenut mhux tassew ried li jipposponi d-data taż-żwieġ, għax kieku tabilħaqq ried li jsir dan, kien jieħu r-riedni f'idejh u jaġixxi ferm qabel u mhux jgħaddi lill-għarusa tiegħu mit-trawma li jbiddel id-data taż-żwieġ ftit ġimgħat qabel. Il-konvenut jgħid fix-xhieda tiegħu li Lara Gatt kienet immatura għax toqgħod għal dak li jgħidulha l-ġenituri. Filwaqt li mill-provi prodotti jirriżulta li tassew kien hemm ċertu indħil żejjed mill-ġenituri tal-għarusa, filwaqt li l-Qorti tifhem l-inkwiet u l-ansjetà li dawn ħassew għal dak li kienet għaddejja minnu binthom, dan l-indħil ma kienx il-vera kawża għar-reżiliment tal-għerusija.

Tqis illi r-raġuni vera u propja għar-reżiliment tal-għerusija kienet l-irresponsabbiltà u l-immaturità kbira tal-konvenut, persuna ta' erbgħin sena li ma kienx kapaċi jesprimi ruħu b'mod ċar li ma kienx lest għaż-żwieġ, iżda baqa' jżomm lill-għarusa bil-kliem, bl-isperanza li fl-aħħar minuta tinqala' xi ħaġa li tista' sservih bħala skuża, bħalma nqalgħet fl-okkażjoni meta kien hemm tilwim bejn il-ġenituri tal-għarajjes, proprju għax l-konvenut kien moħħu fid-divertiment tal-karozzi minflok jipprepara u jirranġa d-dar tiegħu li kellha tkun id-dar matrimonjali.

Apparti dan, il-Qorti ma tarax li tagħmel xi differenza jekk effettivament ir-reżiliment tal-għerusija ġietx deċiża minn bint l-atturi jew mill-konvenut, 'il għaliex jekk il-konvenut tabilħaqq ried biss jerġa' jipposponi d-data taż-żwieġ, wara li data taż-żwieġ kienet diġà tħassret minħabba fih għal darba, darbtejn, l-aħħar darba tliet ġimgħat biss qabel iż-żwieġ, għall-parti l-oħra dan loġikament kien ifisser, kif fil-fatt ikkonfermat il-*counsellor* Dr Ingrid Grech Lanfranco*,* li effettivament il-konvenut ma kienx ippreparat għaż-żwieġ. U dan akkopjat mal-infedeltà li rrakkontat Lara Gatt li indunat biha fit-2013 u l-infedeltà li ammetta l-konvenut stess mal-*counsellor* Dr Ingrid Grech Lanfranco ftit qabel id-data taż-żwieġ, li kienet għadha għaddejja dik ir-relazzjoni tal-2013 jew kien addirittura relazzjoni oħra ġdida. Il-*counsellor* stess tat parir li ma kienx ġust li l-konvenut idaħħal lil bint l-atturi fiż-żwieġ. Fil-fatt hawnhekk tajjeb li ssir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza **Joseph Grech *et. vs.* John Amato *et.***[38] fis-sens illi:

> "Illi minn dejjem ġie meqjus li t-tħassir tal-għerusija minn xi waħda mill-partijiet m'huwiex raġuni biex wieħed jaħseb jew jifhem li l-ħtija tat-tħassir isseħħ minħabba l-persuna li ħadet id-deċiżjoni li ttemmha. L-iżjed importanti huwa li wieħed isib x'kienet ir-raġuni li għaliha dik il-persuna kienet imqegħda f'sitwazzjoni li jkollha tħassar dik l-għerusija [ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Lulju, 1992 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Borg *vs.* Therese Barbaro** (Kollez. Vol. LXXVI.iii.630)];"

Illi bl-istess mod fil-każ odjern, anki kieku l-għerusija ġiet xolta minn bint l-atturi, it-tort għal dan kien ċertament in-nuqqas ta' impenn tal-konvenut, l-infedeltajiet tiegħu u t-tħassir darbtejn tad-data taż-żwieġ u fi żmien meta l-konvenut kien jaf li kienu qegħdin isiru l-preparamenti u jintefqu l-flus għat-

[38] P.A., 31.01.2001 (JRM).

tieġ. Veru li kulħadd jista' jbiddel fehemtu u ħadd ma jista' jġiegħel lil ħadd jiżżewweġ lil min ma jridx, għax kulħadd huwa liberu li jagħmel dan. Imma fuq kollox ħadd m'għandu jgħaddi lil ħaddieħor minn ħajja infeliċi meta l-kitba tkun miktuba fuq il-ħajt, bħal f'dan il-każ li probabbilment kienet sejra tirrepiti ruħha l-istess storja b'eventwali annullament taż-żwieġ bħalma diġà kien għadda minnu l-konvenut. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Marthese Zammit *et. vs.* Ivan Zammit**[39] huwa prinċipju ċar u indiskuss li anki jekk tkun teżisti wegħda formali għaż-żwieg, dik il-wegħda formali għaż-żwieg mhix enforzabbli fil-Qorti, u ebda Qorti ma tista' ġġiegħel lil xi parti tersaq għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ – *"liberas esse debet matrimonium".* Min-naħa l-oħra, l-parti li tħassar l-għerusija mingħajr ġusta kawża, mhix libera minn kull konsegwenza, u meta jiġri hekk, dik il-parti skont il-ġurisprudenza, trid tħallas għad-danni li seħħew b'riżultat ta' dak ir-reżiliment inġust.

Tqis illi għar-raġunijiet suesposti l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi ġenituri tal-ex-għarusa tiegħu, konsistenti fl-ispejjeż li dawn għamlu għat-tieġ li spiċċa tħassar darbtejn. Lara Gatt ammettiet li l-ispejjeż tat-tieġ kienu tħallsu kollha mill-ġenituri tagħha. Dan mhux ikkontestat mill-konvenut, għajr li jgħid li l-ammonti reklamati mill-atturi huma eżaġerati. Il-Qorti trid tistabbilixxi għalhekk mill-provi sottomessi mill-atturi jekk dawn ippruvawx li nefqu dak li qed jitolbu l-ħlas lura tiegħu u dan għax kif intqal aktar 'il fuq, huma qed jallegaw tali danni u sta għalihom li jippruvawhom. B'differenza mill-provi dwar it-tort għar-reżiliment tal-għerusija, fir-rigward tal-*quantum* tad-danni il-konvenut seta' baqa' ħalqu magħluq u ħalla li d-danni jirriżultaw minn provi ċari u assodati b'irċevuti u

[39] P.A., 06.05.2004 (TM).

xhieda tal-atturi. Peròil-konvenut fix-xhieda tiegħu jagħmel riferiment għal episodju li ssemmi Lara Gatt fl-affidavit tagħha[40]:

> "... aħna ħallasna s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) lil tax-Xara Lodge biex ikun jista' jressaq id-data mill-21 ta' Ġunju 2014 sad-19 ta' Settembru 2014. Minn dan l-ammont ta' €2,000, Keith minn butu ħallas €1,500 u missieri tani €500 biex inħallas bihom".

Il-konvenut jinsisti li din kienet logħba ta' Lara Gatt għax hu qatt ma ħallas xejn. U allura fuq ammissjoni tiegħu stess dan l-ammont ta' €2,000 tħallas kollu minn Lara u mill-ġenituri tagħha. Però Lara Gatt xehdet li hi ħallset bi flus missierha €500 biss, u l-kumplament nefqithom hi minn flusha, forsi biex tipprova, minħabba li kienet għadha infattwata bil-konvenut ta' 17-il sena akbar minnha, li turih bħala galantom quddiem il-ġenituri tagħha u għalhekk f'dan il-każ ħarġet il-bilanċ ta' €1,500 hi personalment, li xorta ma tistax tirreklamahom f'dawn il-proċeduri stante li hi mhijiex waħda mill-atturi f'din il-kawża.

Fit-talbiet tagħhom l-atturi qed jitolbu l-ħlas fis-somma ta' €16,055, kif spjegat fl-ittra legali li kienu bagħtu lill-konvenut[41], kif jirriżulta min-nota nru 1 *in calce.* Jirriżulta però li fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi niżżlu dan l-ammont għal €14,078.90 bħala l-*quantum* tal-ispejjeż inkorsi minnhom sostnuti mill-provi li ressqu. Għaldaqstant il-Qorti ser teżamina akkuratament l-ispejjeż indikati mill-atturi, biex tistabbilixxi jekk fl-aħħar mill-aħħar dawn humiex dovuti mill-konvenut.

---

[40] *A fol.* 19 tal-proċess.
[41] *A fol.* 5 tal-proċess.

**Danni sofferti mill-atturi**

Dwar il-ħlas lil Xara Lodge l-atturi talbu €3,500 għall-ħlas tal-*wedding venue* u €8,000 bħala depożitu għall-ikel u x-xorb kif indikat fl-ittra legali.[42] In effetti mill-ammont li ġie kkonfermat bl-irċevuti, irriżulta li l-ħlas tal-*wedding venue* kien ta' €2,500[43] mhux €3,500, bħala l-ewwel depożitu għas-sala tat-tieġ li kellu jsir fil-21.06.2014 u ta' €8,000[44] bħala bilanċ tat-tieġ li kellu jsir fil-21.06.2014, u l-aħħar irċevuta[45] hija tal-multa ta' €2,000 imposta minn Xara Lodge minħabba l-bidla fid-data biex ma jintilfux iż-żewġ ħlasijiet preċedenti. Dawn l-ammonti kienu kkonfermati minn rappreżentant ta' Xara Palace Hotel Co. Limited, **David Spiteri**.[46] Mill-imsemmija €2,000 iridu jitnaqqsu però l-€1,500 li skont ix-xhieda ta' Lara Gatt hija kienet ħallset minn butha. Għalhekk l-ammont li ħallsu l-atturi kien ta' €2,500 + €8,000 + €500 għal total ta' €11,000.

Illi fix-xhieda sussegwenti tiegħu, David Spiteri[47] jgħid illi peress li dan kien każ uniku fejn tieġ tħassar darbtejn, il-kumpannija tiegħu kienet ikkonċediet buona grazzja tagħha illi jsir *birthday party* qabel iż-żmien lil Lara Gatt, li ġie jiswa €4,590 li ħarġu mid-depożitu li kien diġà tħallas mill-atturi għar-riċeviment tat-tieġ.

Tqis il-*birthday party* ta' binthom illi ġie jiswa €4,590, kien sfurzat miċ-ċirkostanzi straordinarji li sabu ruħhom fihom l-atturi u binthom u li x'aktarx

[42] *A fol.* 5 tal-proċess.
[43] Dok. BG 2 *a fol.* 49.
[44] Dok. BG1 *a fol.* 48.
[45] Dok. BG3 *a fol.* 50 u BG4 *a fol.* 51 sa 59.
[46] *A fol.* 102 u 103.
[47] *A fol.* 147.

ma kienx issir bil-mod kif sar li kieku ma spiċċawx f'dik is-sitwazzjoni fejn mill-mitluf ippruvaw jieħdu li jistgħu. Għaldaqstant min-nefqa li għamlu l-atturi għar-riċeviment tat-tieġ, il-Qorti hija tal-fehma li m'għandux jitnaqqas l-ammont kollu ta' kemm ġie jiswa l-*birthday party*, imma għandha titnaqqas biss is-somma ta' €500 li qiegħda tiġi stabbilita mill-Qorti *arbitrio boni viri* bħala s-somma li x'aktarx kienet tintefaq mill-atturi fl-eventwalità li dawn riedu jagħmlu *birthday party* għat-tifla tagħhom. Għalhekk meta mill-ispiża tas-sala, xorb u ikel titnaqqas is-somma ta' €500, il-bilanċ li jifdal x'jitħallas mill-konvenut huwa ta' **€10,500**.

Illi kwantu għall-mużika li kellha tiġi pprovduta mill-iSpeed of Sound, fl-ittra legali tagħhom l-atturi talbu l-ħlas ta' €550. Mill-provi[48] jirriżulta li l-atturi ħallsu depożitu ta' €250 u skont ix-xhieda ta' **Heraldo Sciberras**[49] in rappreżentanza tal-istess Speed of Sound, dan ikkonferma d-depożitu ta' €250, iżda dan stqarr ukoll li peress li l-kanċellament sar viċin d-data ta' meta huma kellhom joffru s-servizzi, ħadulhom €200 mill-kumplament li kien dovut u għalhekk in-nefqa għall-mużika kienet ta' **€450** u mhux €550.

Dwar il-libsa tat-tieġ, l-atturi ddikjaraw fl-ittra legali tagħhom li kienu nefqu €1,400 u ġew ippreżentati l-irċevuti mill-istabbilimnet Wedding Bells, fl-ammonti ta' €135[50], ta' €200 u ta' €1,140, total ta' €1,475. Fl-ittra legali hemm indikata wkoll is-somma ta' €245 bħala aċċessorji tat-tieġ. Xehdet dwar dan **Marquita Kemper**, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Wedding Bells, li però kkonfermat[51] li l-ammont imħallas għal-libsa u aċċessorji kien ta' **€1450**.

[48] Dok. BG8 *a fol.* 63.
[49] *A fol.* 106.
[50] Dok. BG5 *a fol.* 60, Dok. BG6 *a fol.* 61, u Dok. BG7 *a fol.* 62.
[51] *A fol.* 144.

Finalment dan huwa l-ammont li qed jiġi reklamat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Illi mill-provi jirriżulta li ġew ippreżentati wkoll l-irċevuti BG10 u BG11[52] maħruġa minn Pronovias tal-Big Bon Limited fis-somma ta' €328.50 u €328.50, total **€657**. Xehed dwar dawn l-irċevuti **Nick Spiteri Paris**, rappreżentant ta' Big Bon Group li qal li dan il-ħanut ma għadux jeżisti, però kkonferma li dawn probabbilment kienu għall-materjal tal-ilbiesi tat-tiġijiet.

Illi fl-ittra legali tagħhom l-atturi jindikaw is-somma €300 bħala depożitu mitluf fuq il-kiri ta' karozzi tat-tieġ, però l-irċevuta ppreżentata minnhom[53] turi biss depożitu ta' **€100**, u dan ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta' **Charles Borg**, rappreżentant tad-ditta Cars For Weddings.[54]

Illi għar-rigward l-inviti stampati minn AlpaPrint, l-ittra legali tal-atturi tindika s-somma ta' €385, mentri l-irċevuti esebiti[55] *a fol.* 68 tad-Dok. BG12 juru żewġ ammonti ta' €356 u €70 rispettivament, li r-rappreżentant tad-ditta Ivan Attard, ikkonferma[56] għal total ta' **€426**.

Fl-ittra legali tagħhom l-atturi talbu wkoll il-ħlas mill-konvenut ta' dak li huma nefqu fil-materjal tad-drapp tal-ilbiesi tal-*bridesmaids* fl-ammont ta' **€375** sorrett bl-irċevuta ta' JB stores.[57]

[52] *A fol.* 65 u 66
[53] Dok. BG9 *a fol.* 64.
[54] *A fol.* 108.
[55] Dok. BG12 *a fol.* 68.
[56] *A fol.* 133.
[57] Dok. BG13 *a fol.* 69.

L-istess ittra legali ssemmi ħajjata li tħallset is-somma ta' €400 – u din xehdet dwarha l-ħajjata **Phyllis Azzopardi**[58], li tiġi oħt l-attriċi u għalhekk iz-zija ta' Lara Gatt, li wriet ukoll b'ritratti esebiti x-xogħol li għamlet. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jgħid[59] li jaf żgur li dan ix-xogħol tal-ħajjata kien ir-rigal tat-tieġ taz-zija ta' Lara lil Lara. Il-konvenut wasal għal din il-konklużjoni mhux għax sar jaf dan b'mod dirett, però għax qiegħed jiddeduċi jew jissopponi dan. Jirriżulta ampjament mill-provi li dan qajla ħa interess f'dak li kien qed jiġri bħala preparament għat-tieġ. Tqis illi din is-suppożizzjoni tal-konvenut mhija sorretta mill-ebda prova u allura din is-somma ta' **€400** għandha titħallas ukoll mill-konvenut.

Illi għar-rigward tas-somma ta' €150 li allegatament intefqet mill-atturi f'*souvenirs* li jissemmew fl-ittra legali, l-atturi ma ġabu ebda prova in sostenn ta' dan tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi din l-ispiża ma tissemmiex aktar. L-istess għandu jingħad dwar l-ispiża ta' €700 li allegatament intefqet għall-libsa tal-attriċi bħala omm l-għarusa. Fl-ittra legali inkwistjoni din in-nefqa hija indikata bħala *bride's mother's dress*, però ma tressqet ebda prova in sostenn ta' din in-nefqa, apparti li din il-libsa tista' xorta tintuża f'okkażjonijiet oħra. Għaldaqstant l-allegata nefqa fuq dawn iż-żewġ *items* mhijiex ser tiġi kkunsidrata.

Finalment fl-ittra legali jiġi msemmi wkoll depożitu ta' **€50** fuq il-fjuri u in sostenn ta' dan l-atturi jippreżentaw l-irċevuta relattiva maħruġa minn Romano Cassar Ltd.[60]

[58] *A fol.* 111.
[59] *A fol.* 182.
[60] Dok. BG15 *a fol.* 71 tal-proċess

Għaldaqstant id-danni sofferti mill-atturi li huma sorretti mill-provi prodotti huma (i) €10,500; (ii) €450; (iii) €1,450; (iv) €657; (v) €100; (vi) €426; (vii) €375; (viii) €400; (ix) €50 - total ta' **€14,408**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi l-konvenut inġustament u mingħajr raġuni ġusta ħassar l-għerusija minn ma' bint l-atturi Lara Gatt, u minħabba dan l-aġir tiegħu, l-atturi sofrew id-danni;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf, erbgħa mija u tmien Euro (€14,408);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' erbatax-il elf, erbgħa mija u tmien Euro (€14,408) in riżarċiment tad-danni sofferti mill-atturi kif fuq premess.**

**Bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut mill-24 ta' Settembru, 2014 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż tal-kawża inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru, 2014 għandhom jiġu sopportati 9/10 mill-konvenut u 1/10 mill-atturi.**

Moqrija.